KLR 28/VIII/2021

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar it-Tnejn, 29 ta' Novembru, 2021 fil-17:00.

PREŻENTI: Is-Sindku Josef Schembri, il-Viċi Sindku Brian Azzopardi, il-membri Charlie Hili u Maria Portelli u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻATI: il-membri Michel Buttigieg, Joseph Debrincat u Marcell Tabone

**28.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Wara t-talba ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar laqgħa.

**28.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

28.2.1 Is-Sindku qal li hu u s-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa ma rappreżentanti tal-Malta Tourism Authority (MTA) nhar l-24 ta' Novembru, 2021. Għal din il-laqgħa attendew ic-*Chairman* tal-*Enforcement Directorate Board* u Christine Vella mill-uffiċċju tal-MTA f'Għawdex. Is-suġġett kien l-*encroachment* tal-imwejjed u s-siġġijiet tal-ħwienet ta' Pjazza San Ġorġ. Is-Sindku spjega li waqt din il-laqgħa ġew diskussi l-problemi li fiha din il-pjazza. Ir-rapreżentanti tal-MTA spjegaw li minħabba l-pandemija tal-Covid 19 ser jinħarġu applikazzjonijiet temporanji sabiex sidien tal-ħwienet tax-xorb madwar Malta u Għawdex ikunu jistgħu japplikaw sabiex ikollhom l-imwejjed u s-siġġijiet tagħhom mifruxin fuq aktar art pubblika sabiex tinżamm id-distanza. Din il-laqgħa saret speċifikament għar-rigward tal-ħwienet tax-xorb ta' Pjazza San Ġorġ. Il-membri qablu li din il-pjazza hi li hi u ma tantx hemm fejn tifrex aktar imwejjed. Qablu wkoll li meta l-Kunsill ikollu quddiemu dawn l-applikazzjonijiet ser jikkunsidrahom u jagħti l-veduti tiegħu.

28.2.2 Rigward il-kontroll tal-ħamiem selvaġġ, is-Sindku qal li din il-materja qed tiġi diskussa waqt il-laqgħat tar-Reġjun Għawdex sabiex finalment issir *bye-law* konġunta bejn il-lokalitajiet Għawdxin li jridu jaddottaw din il-liġi.

28.2.3 Rigward il-proposta għax-xogħol ta' tarmak fi Triq Sir Arturo Mercieca, s-Sindku għarraf lill-membri li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (WSC) bgħatet l-istejjem tagħha. Il-WSC ser tiffinanzja x-xogħol relatat mad-dranaġġ u l-bqija irid jagħmlu l-kuntrattur tal-Kunsill skont il-kuntratt tal-istess Kunsill. Dan ix-xogħol jammonta għal madwar €98,000.00. Il-membri qablu li din l-istima tintbagħat lill-Ministeru għal Għawdex mal-BOQ tax-xogħol tat-tarmak. Dan sabiex din it-triq tiġi ffinanzjata mill-fond ta' Eko-Għawdex.

28.2.4 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-iskola St. Francis tar-Rabat, tat donazzjoni ta' *bin* żgħir li fih jinġabbru l-maskli sanitarji wżati.

28.2.5 Is-Sindku għarraf lill-membri li attenda laqgħa fir-rigward tac-*charging points* li ser isiru madwar Malta u Għawdex. Il-Kunsill kien identifika postijiet fejn dawn jistgħu isiru. Dawn il-*points* qed isiru b'mod li vettura tieħu biss tletin minuta biex tiċċarġja u jkollhom sistema li turi l-vettura tkun qed tiċċarġja dak il-ħin li tkun ipparkjata. Hu ssuġġerixxa li fir-Rabat dawn ma jsirux fejn diġa hemm problema ta' parkeġġ. Waqt il-laqgħa s-Sindku talab li l-Kunsill għandu jkun jaf dawn il-*points* quddiem liema residenzi jkunu ser isiru. Dan sabiex nevitaw ilmenti li jistgħu ikunu ġustifikati.

28.2.6 Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand George Galea rigward it-triq ta' maġenb il-*playing field* li tieħdok għal wara 'The Duke' u għal Triq l-10 ta' Ġunju, 1887. Billi it-triq qedgħa għan-niżla u tiżloq, u wara li l-mara ta' Grech waqgħet fuq grada u kisret idha, hu qed jissuġġerixxi li jsir taraġ f'din it-triq sabiex in-nies ikunu jistgħu jgħaddu minnu. Wara diskussjoni qasira l-membri qablu li din mhix l-aħjar soluzzjoni minħabba l-aċċessibilita'u qablu li jittieħed il-parir tal-Perit.

## 28.3 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri

Tressqet korrispondenza mingħand:-

28.3.1 il-*Public Contracts Review Board* (PCRB) rigward l-appell li sar mill-kumpanijia BE Clean rigward id-deċiżjoni li ttieħdet mill-bord li ġġudika l-offerta VLC/01/2021 – *Cleaning of Unattended Public Convienînces in Victoria Gozo, using Enviornmentally Friendly Porducts*. Il-PCRB waqqgħet dan l-appell. Il-membri qablu li din l-offerta għandha tingħata lill Jason Farrugia hekk kif kien issuġġerixxa l-bord ta' aġġudikazzjoni mqabbad mill-Kunsill. Is-servizz għandu jibda fis-seħħ minn Jannar 2022 'l quddiem;

28.3.2 il-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, Arti u Gvern Lokali rigward SPI/SCI/8/2021 – Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Aċċessibilita' u Mobilita';

28.3.3 il-*GreenMT* fejn intbagħat kont ta' €891.63 li GreenMT qed tgħid li dan relatat ma ġbir ta' skart kkontaminat u dan skont kif iddeċidiet il-Wasteserv Malta Ltd. Sadanittant id-Direttur Ġenerali għal Gvern Lokali, s-Sur Natalino Attard idderieġa l-Kunsill biex dan ma jitħallasx peress li l-Kunsill m'għandu l-ebda obbligu li jħallas għal dan l-iskart u l-iskema trid timxi mal-obbligi kuntrattwali;

28.3.4 Reġjun Għawdex:-
i) fejn intalbu l-veduti tal-Kunsill fir-rigward tal-proposta ta' *Gozo Tourism Authority* (GTA). Il-GTA qed tissuġġerixxi li Għawdex kollu għandu jitqies bħala *area* turistika matul il-ġranet tas-sajf meta l-MTA tippubblika l-lista tat-toroq li fihom ma jkunx jista' jsir taħmil u skavar. Din il-proposta ġiet diskussa mill-Kunsill. Il-membri jaqblu li ċerta toroq għandhom ikunu f'din il-lista, kif dejjem sar, pero' ma qablux li Għawdex kollu għandu jitniżżel fil-lista. Dan peress li x-xogħol ta' dawn it-tlett xhur ikollu jsir fil-bqija tas-sena bil-konsegwenza li fir-Rabat ikun hawn aktar toroq magħluqin f'inqas perijodu ta' żmien;
ii) Skema Reġjonali – Libreriji fil-Lokalita' 2021;
iii) Estensjoni tal-iskema Reġjonali – Kultura Għawdex 2021. Il-Kunsill diġa applika għal din l-iskema;
iv) Estensjoni tal-iskema Reġjonali – Ambjent 2021;

28.3.5 John Xuereb, Direttur tal-'*Cultural Heritage Directorate*' fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex rigward it-tnehdija ta' proġett li permezz tiegħu statwi ta' persuni prominenti jieħdu l-ħajja u jirrakkuntaw ġrajjiethom. L-istawi fir-Rabat ġew identifikati;

28.3.6 George Mercieca fir-rigward tal-Wirja Viżiva '*On the Road*' li ser tittella' mill-'*Cultural Heritage Directorate*' fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex. Qed jintalbu li jsiru l-*captions* għar-ritratti li ser jintwerew f'din il-wirja. Il-membri qablu li Rev. Dr. Joseph Bezzina u Francesco Pio Attard jitqabdu sabiex jagħmlu dan ix-xogħol;

28.3.7 il-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq f'Għawdex, fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex dwar:-

i) Triq San Leonardu. Din għandha tiġi Triq San Anard skont Avviż Legali Nru. 822, ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern nhar id-29 ta' Lulju, 2005. Il-membri qablu li tinbidel il-plakka taċ-ċeramika;

ii) l-isqaqien ta' Triq San Ġorġ, peress li hemm żewġ sqaqien għad mhux innumerati. Il-membri qablu li jiġu ordnati l-plakki taċ-ċeramika u jitpoġġew skont il-gwida tal-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq f'Għawdex;

28.3.8 l-uffiċċju tad-Direttur Ġenerali tal-Gvern Lokali fejn il-Kusnill ġie mgħarraf li t-triq ġdida bejn Triq Fortuanto Mizzi u Triq l-Ewropa qed tissemma Triq Duminku Mintoff, Prim Ministru, 1916-2012 permezz tal-Avviz 1524 li deher fuq il-Gazzetta tal-Gvern Nru. 20,738 tad-19 ta' Novembru 2021. Dan kif kien ġie propost mill-Kunsill. Il-membri qablu li l-isem tat-triq għandu jitpoġġa meta jitlesta l-proġett tal-Mużew t'Għawdex u l-iskola Primarja l-ġdida;

28.3.9 l-iskrivani fl-uffiċċju tal-Kunsill. Il-kunsill approva t-trasferiment tal-*vacation leave* li baqalhom mis-sena 2021 għas-sena 2022;

28.3.10 il-membri ġew mgħarrfa li ġew sottomessi erba' applikazzonijiet għaż-żbir tas-siġar ta' Pjazza Indipndenza, Triq Vajringa, ż-żebbuġ taz-zuntier tal-kunvent tal-Kapuċċini u tas-siġar tal-parkeġġ ta' bejn Triq Salvu Psaila u Triq l-10 ta' Ġunju.

### 28.4 '*New Energy efficent lighting system for St George's Square and the old streets within the City Centre in Victoria, Gozo.*' LCF/16/2020 – *update*

Il-membri ġew mgħarrfa li Richard Cauchi ffirma l-kuntratt li ngħata għal dan ix-xogħol. Inħarġitlu wkoll *Commencement Letter.* Cauchi qed jippjana li t-tpoġġija ta' dawn il-fanali tibda ssir għall-ħabta ta' Frar 2022.

### 28.5 Restawr tal-istatwi taz-zuntier tal-Kunvent ta' Santu Wistin u San Ġorġ tal-Ħaġar.

Il-membri ġew mgħarrfa li it-tieni offerta (VLC/05/2021) rigward ix-xogħol ta' restawr ta' dawn l-istatwi għalqet illum. Il-bord tal-għażla ser jevalwa l-offerti li ntefgħu.

### 28.6 CCTVs f'Taċ-Ċawla H.E. u Triq Ġużeppi Spiteri

28.6.1 Rigward ic-CCTVs li għandhom jitpoġġew f'taċ-Ċawla H.E., il-membri ġew mgħarrfa li l-Kunsill għadu qed jistenna risposta mill-Awtorita' tad-Djar sabiex jiġi konfermat jekk dawn ic-CCTVs jistgħux jitpoġġew mal-blocks u l-apparat tagħhom fuq ġew tal-block. Il-Kunsill

kien talab ukoll biex tiġi esplorata l-possbilita'li l-konsum tad-dawl jittieħed mill-*metre* tal-komun li jkun imħallas mill-Awtorita' tad-Djar stess.

28.6.2 Sadanittant, il-membri qablu li tinħareġ talba għall-kwotazzjonijiet sabiex issir CCTV fi Triq Ġużeppi Spiteri sabiex jiġi kkontrollat ir-rimi ta' skart b'mod illegali.

**28.7 Immaniġjar tat-traffiku**

*Transport Malta* (TM) approvat:-

28.7.1 *1 metre double yellow line* maġenb garaxx ta' 'Sagra Familja' fi Triq Santa Dminka;

28.7.2 *double yellow line* maġenb 'Diamond' fi Triq is-7 ta'Ġunju,1919. Dan il-permess ħareġ b'mod temporanju peress li mad-dar m'hemmx bankina u l-applikanta hi anzjana;

28.7.3 parkeġġ għall-persuni b'diżabilita' ta' Frances Schembri, ta' 20, Triq Dun Pawl Micallef;

28.7.4 parkeġġ għall-persuni b'diżabilita' ta' Joseph Farrugia, ta' 77, 'Ave Maria' Triq Sant' Ursola;

Korrispondenza relatata mat-traffiku

28.7.5 Tressqet talba għall-parkeġġ għall-persuni b'diżabilita' ta' Jake Muscat ta' Blokk FA, Flat 2, Taċ-Ċawla H.E. Għandha timtela l-formola rikjesta.

28.7.6 Tressqet talba għall-parkeġġ għall-persuni b'diżabilita' ta' Marita Grima ta' 'Innuendo', Flat 2, Triq Patri Anton Debono. Għandha timtela l-formola rikjesta.

28.7.7 Tressqet talba għall-parkeġġ għall-persuni b'diżabilita' ta' Grace Vella, Blokk HA, Flat 3, Taċ-Ċawla H.E. Għandha timtela l-formola rikjesta.

28.7.8 Dwar il-*crash barriers* li ġew installati fuq insistenza tal-Kunsill Lokali ta' Kercem fi Triq Wied il-Lunzjata, TM staqsiet lil dan il-Kunsill jekk għandux kopji tar-rapporti ta' inċidenti li seħħew f'dan il-post. Ta' min jinnota li dawn il-*crash barrieres* saru fil-lokalita' tar-Rabat mingħajr il-kunsens tar-Rabat stess. TM għadha ma bgħatitx ir-risposta tal-Kunsill Lokali ta' Kerċem.

28.7.9 Il-membri qablu li l-Kunsill jistaqsi lill-TM jekk fi Triq Viani, peress li hi arterja prinċipali, tistax issir *road hump* bħala *traffic calming measure*. Il-membri qabu li din issir biss wara l-qbil tar-residenti li quddiemhom tkun ser titpoġġa u skont l-ittri li kienu ntbagħtu lir-residenti tat-triq.

28.7.8 Il-membri qablu li jiġi suġġerit lill-TM sabiex issir *road hump* fi Triq Għajn Qatet.

**28.8 *Performance Bonus***

Il-membri qablu li jingħata l-massimu tal-*performance bonus* lill-ħaddiema tal-Kunsill. Waqt li kienet qed tiġi diskussa din l-*item* s-Segretarju Eżekuttiv ħarġet mill-kamra.

**28.9 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti**

28.9.1 Ġew approvati l-pagamenti għax-xahar ta’ Novembru u Diċembru 2021 skond dokumenti A u B annessi.

28.9.2 Ġie approvat il-kont ta’ Gatt Tarmac Ltd. u tal-Perit Edward Scerri rigward *‘Removal of bollards and railings and excavation works at Victoria Playing Field’*. Dan wara li ġie ċċertifiakt mill-Perit Edward Scerri.

28.9.3 Ġie approvat il-kont ta’ Gatt Tarmac Ltd. u tal-Perit Edward Scerri rigward xogħol ta’ tarmak li kien sar fi Triq il-Mitħna, issa Triq ċ-Ċangar. Il-Kunsill diġa ħallas €81,900.00 akkont. Dan ix-xogħol kien sar fl-2006. Billi dan qed jigi ċċertifikat mill-Perit Edward Scerri il-membri qablu li jitħallas il-bqija tal-kont.

**28.10 Xogħlijiet oħra**

Il-membri qablu li:-

28.10.1 l-bozza li għandha teħel ġdida fi Triq Francesco Masini, kantuniera ma Triq Mro Dirjano Lanzon, issir fuq arblu ġdid;

28.10.2 titranġa rampa miksura li tinsab fi Triq Ninu Cremona, ‘l isfel mill-kantuniera ma Triq Gorg Borg Olivier;

28.10.3 l-Kunsill jorganiżża kunċert tal-Milied fil-Knisja ta’ Santu Wistin nhar il-Ħamis, 16 ta’ Dieċembru, 2021, bil-parteiċpazzjoni tal-pjanista Mariella Spiteri Cefai. M’għandhiex tinqabeż s-somma ta’ €150 u kunċert bis-sehem tal-*Chorus Urbanus* nhar id-19 ta’ Diċembru, 2021, fit-Teatru Astra. M’għandhiex tinqabeż s-soma ta’ €800.

28.10.4 jinxtraw kotba għall-librerija tas-Seminarju tal-Qalb ta’ Ġesu’. M’għandix tinqabeż s-somma ta’ €100;

28.10.5 jinxtraw seba’ kotba tal-awtur Dr Mario Saliba li jġib l-isem ‘Ħajja u Mewt, il-Mard u s-Saħħa f’Għawdex fi żmien l-Arċipriet Dun Martin Camilleri’.

**28.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa spiċċat fis-19:30. Laqgħa oħra ser issir *sine die*.

| | |
|---|---|
| Josef Schembri | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |